MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1163/1992/1

**Prokuratur Legali Adrian Borg bhala mandatarju ghan-nom tal-Mid Med Bank p.l.c. debitament awtorizzat u b'nota tad-19 ta' Jannar, 2000, l-isem ser isir HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Alfred Fenech u Kevin James Fenech bhala diretturi ghn-nom tas-socjeta' Nazzareno Fenech Limited, u Alfred Fenech u diretturi ghan-nom tas-socjeta' Fenech Estates Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Settembru, 1992, li in forza taghha ppremettiet illi *in forza* ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tal-hamsa u ghoxrin ta' Gunju , 1984, (Dokument A) il-Bank attur kien ta' facilita' Bankarja ta' *overdraft* lis-socjeta' konvenuta Nazzareno Fenech Limited, cioe' id-

debitrici principali, ghal-somma li ma kelliex teccedi il-mija u ghaxart elef lira.

Ipremetta illi in forza tal-istess att, u ta’ skrittura ta’ fidejussjoni tal-hdax ta’ Dicembru, 1984 (Dokument B) is-socjeta’ konvenuta l-ohra, Fenech Estates Company Limited kienet tat ruhha bhala garanti solidali ghal dan id-debitu tas-socjeta’ Nazzareno Fenech Limited, id-debitrici principali.

Ipremettiet illi fl-att imsemmi dokument A, il-Bank attur irriserva d-dritt illi jitlob lid-debitur principali u lill-garanti solidali sabiex dawn jirrifondu is-somon avvanzati bl-imghax, b’semplici talba miktuba liema talba miktuba saret permezz ta’ ittra ufficjali tal-erbgha ta’ Frar, 1992, notifikata permezz ta’ pubblikazzjoni bil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga ta’ l-erbatax t’April, 1992, (l-atti tal-ittra huma esibiti in kopja legali bhala Dokument C)

Ipremettiet illi il-bilanc dovut skont il-premessi lill-Bank attur huwa ta’ sitta u tmenin elf, tmien mija u disghin lira, u sbatax-il centezmu u hames millezmi (LM86,890.17,5) skond Bank statement esibit bhala dokument D, u dana bl-imghax mit-tlieta u ghoxrin ta’ Settembru, 1991 bir-rata ta’ tmienja fil-mija per annum.

Ipremettiet illi l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkanonizza lill-attur bhala kreditur taghhom in solidum ghas-somma ta’ sitta u tmein elf, tmien mija u disghin lira, u sbatax-il centezmu u hames millezmi (LM86,890.17,5), bl-imghax mit-23 ta’ Settembru, 1991, bir-rata ta’ 8% *per annum.*

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu s-somma imsemmija u l-imghax lill-attur bl-ispejjez kollha kontra taghhom filwaqt li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha ecceppew:

Illi preliminarjament l-attur ghandu jipprezenta l-awtorizazzjoni tal-Bank li tintitolah jagixxi f'isem il-Bank f'din l-istanza;

Illi minghajr pregudizzju ta' l-ewwel eccezzjoni Michael Angelo Fenech ma jirraprezentax lis-socjeta' konvenuta "Fenech Estates Company Limited", peress li kien irrezenja fid-29 ta' Ottubru, 1992, cioe' qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni odjerna;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ir-rappresentanza tas-socjeta' konvenuta Nazzareno Fenech Limited tispetta mhux lil Alfred Fenech u Kevin James Fenech, izda lil Kevin James Fenech biss;

Illi fil-meritu l-eccipjenti ma ghandhomx jaghtu ammont mitlub peress li l-imghax gew komputati bhala "*compound interest*" meta kellhom jigu komputata bhala "*simple interest*";

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet Alfred Fenech nomine li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament l-attur ghandu jipprezenta l-awtorizazzjoni tal-Bank li tintitolah jagixxi f'isem il-Bank f'din l-istanza;

Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel eccezzjoni, Michael Angelo Fenech ma jirraprezentax lis-socjeta konvenut "Fenech Estates Company Limited", peress li kien irrezenja fid-29 ta' Ottubru, 1992, cioe' qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni odjerna;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ir-rappresentanza tas-socjeta' konvenuta Nazzareno Fenech Limited tispetta mhux Alfred Fenech u Kevin James Fenech, izda lil Kevin James Fenech biss.

Illi fil-meritu l-eccipjenti ma ghandhomx jaghtu l-ammont mitlub peress li l-imghax gew komputati bhala "*compound interest*" meta kellhom jigu komputati bhala "*simple interest*";

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Angelo Fenech ghan-nom tas-socjeta' Fenech Estates Limited li biha eccepixxa:

Illi l-eccipjent ma jirraprezentax lis-socjeta' konvenuta billi huwa kien irrezenja fid-29 ta' Ottubru, 1992, u ghalhekk fid-data tal-affissjoni ma kienx il-persuna odjerna biex tigi notifikata b'din ic-citazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Fenech nomine li biha eccepixxa:

Illi huwa ma jipprezentax gudizzjarjament lis-socjeta' konvenuta "Nazzareno Fenech Limited" izda din ir-rapprezentanza tispetta esklusivament u unikament lill-Kevin James Fenech kif jirrizuta mill-*Memorandum u Articles of Association* tal-istess socjeta';

Illi minghajr pregudizzju tal-premess il-konvenut Kevin James Fenech, ma kienx Malta meta saret in-notifika permezz tal-procedura tal-Affissjoni u ghalhekk dik in-notifika hija nulla u bla ebda effett legali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Kevin James Fenech, ghall-Nazzareno Fenech Limited li biha eccepixxa:

Illi meta gie lura Malta wara assenza ta' *circa* tliet xhur sar jaf li kienet saret procedura tal-affissjoni biex jinnotifikawh bl-att tac-citazzjoni;

Illi stante li meta saret in-notifika bl-affissjoni huwa kien assenti minn dawn il-Gzejjer isegwi li din in-notifika kienet kontra l-ligi u ghalhekk mhux valida;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Kevin James Fenech ghan-nom ta' Nazzareno Fenech li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament in-notifika tac-citazzjoni hija nulla peress li saret bil-procedura tal-affissjoni meta l-eccipjent kien assenti minn dawn il-Gzejjer;

Illi minghajr pregudizzju tal-premess din il-kawza tinsab pendenti quddiem Qorti ohra fi procedura ta' ritrattazzjoni u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm tigi deciza dik il-kawza;

Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel zewg eccezzjonijiet, fil-meritu l-eccipjenti ma ghandhomx jaghtu l-ammonu mitlub, kemm ghaliex il-kapital mitlub huwa korrett (sic) kif ukoll ghaliex l-interessi gew computati bhala "*compound interest*" meta kellhom jigu komputati bhala "*simple interest*";

Inoltre l-kuntratt relativ ma kienx gie approvat b'rizoluzzjoni tal-Bord kif skond l-*Articles of Association* tas-socjeta';

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Alfred Fenech ghan-nom tas-socjeta' Fenech Estates Limited li biha eccepixxa:

Illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li s-socjeta' attrici naqset li tirrikjedi l-hlas tal-ammont pretiz minnha permezz ta' "*request in writing*" kif specifikat;

Illi l-ammont dovut huwa anqas minn dak miktub;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta’ Alfred Fenech ghan-nom tas-socjeta’ Nazzareno Fenech Limited li biha eccepixxa:

Illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li s-socjeta’ attrici naqset li tirrikjedi l-hlas tal-ammont pretiz minnha permezz ta’ “*request in writing*” kif specifikat;

Illi l-ammont dovut huwa anqas minn dak miktub;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta’ Kevin James Fenech ghan-nom ta’ Nazzareno Fenech Limited li biha eccepixxa:

Illi l-attur naqas li jinterpella lill-eccipjent bil-miktub ghall-hlas pretiz skond il-kuntratt tal-25 ta’ Gunju, 1984 u ghalhekk it-talba odjerna hija intempestiva;

Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel eccezzjoni il-kuntratt imsemmi m’ghandhux validita’ legali peress li s-socjeta’ eccipjenti kellha tkun rapprezentata minn tliet diretturi u mhux tnejn kif jirrizulta mill-*Articles of Association* taghha;

Illi l-istess risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi kellha tigi ffirmata mid-diretturi kollha meta fil-fatt giet iffirmata minn tenjn biss u dan kontra l-istess *Articles* tas-socjeta’;

Illi minghajr pregudizzju tal-premess fil-meritu l-ammont mitlub mhuwiex korrett, u l-interessi reklamati ma jistghux ikunu kalkolati bhala *compound interest* izda bhala imghax semplici billi l-*overdraft* kienu gew imwaqqfa;

Salv eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghat il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza il-Bank attur qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' LM86,890.17,5 rapprezentanti l-bilanc dovut fuq *overdraft* li s-socjeta' Nazzareno Fenech Limited kienet hadet b'kuntratt tal-25 ta' Gunju, 1984. In forza ta' l-istess att u ta' skrittura ta' fidejuzzjoni tal-11 ta' Dicembru, 1984, is-socjeta' Fenech Estates Limited kienet dahlet garanti solidali ghal-hlas lura tad-dejn. Fuq il-kuntratt, kienu dehru l-ahwa Michael Angelo Fenech u Alfred Fenech ghan-nom taz-zewg kumpaniji konvenuti; l-iskrittura ta' fidejuzzjoni hi ukoll iffirmata mill-imsemmija ahwa Fenech.

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fil-qosor, jistghu jinkwadraw ruhhom fis-segwenti:

1. Li l-attur irid juri l-awtorizazzjoni li jistitwixxi din il-kawza f'isem il-Bank attur;

2. Li l-kuntratt ta' *overdraft* u skrittura ta' fidejussjoni huma nulli ghax iffirmati minn tnejn minn tlieta diretturi;

3. Li hemm proceduri ta' ritrettazzjoni pendenti;

4. Li qabel ma giet presentata din il-kawza, ma saretx "*request in writing*" kif jirrikjedu l-kuntratti li taghhom il-Bank attur qed jitlob ezekuzzjoni;

5. Li fl-ammont mitlub hemm element ta' "*compound interest*" li mhux permess bil-ligi;

6. Li s-socjeta' garanti Fenech Estates Limited baqghet qatt ma giet notifikata b'dawn il-proceduri;

Tul is-smigh tal-kawza, intefghu diversi eccezzjonijiet li jolqtu n-notifiki li kienu jsiru, liema eccezzjonijiet gew sollevati b'notifiki godda u/jew attendenza quddiem il-Qoti

li, meta jkunu akkompanjati b'diskussjoni fuq il-meritu tal-kaz, iwasslu ghall-accettazzjoni tan-notifika, b'mod li l-kawza tkun tista' titkompla tigi trattata. Din il-Qorti, fil-fatt, ma tistax ma tikkummentax fuq id-diversi intoppi u ostakoli mressqa mill-konvenuti li kellhom biss l-iskop li jtawlu s-smigh tal-kawza bla bzonn, biex anke wassal li l-veru meritu tal-kawza ftit li xejn gie diskuss f'dawn il-proceduri, bil-hin jinhela fuq diversi notifiki u ostakoli procedurali ohra.

Dwar l-ewwel eccezzjoni indikata, l-attur, il-Prokuratur Legali Adrian Borg, indika u ppresenta rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank attur mehud fit-23 ta' April, 1992, li awtorizzatu jirrapresenta lill-Bank "*in judicial proceedings and in the filing of judical acts and demands in accordance with instructions received from the Board or the General Manager or other appropriate authority in Head Office*". Il-konvenuti jallegaw li l-attur ma werhiex li hu kien gie awtorizzat jistitwixxi din il-kawza. Dil il-Qorti tifhem li meta l-attur, bl-assistenza tal-Avukat tal-Bank attur, fetah din il-kawza, u din inzammet miftuha mill-istess Bank attur ghal 10 snin shah, dan kellu l-awtorizazzjoni necessarja biex jiprocedi b'din il-kawza. Jekk il-konvenuti jafu xi haga mod iehor, kellhom obbligu li jressqu l-provi huma, izda eccezzjoni mitfuha meta dak li jkun ma jaf b'ebda cirkustanza in sostenn taghha, hija eccezzjoni in *mala fede* li ma taghmilx gieh lill-Avukat li sostnieha. Il-mandatarju li jagixxi ghan-nom tal-principal tieghu, jorbot lill-principal u jkun prezunt li jkun qed jagixxi fil-limiti tal-awtorizazzjoni, u jekk dan ikun mar *oltre* l-poteri moghtija lilu mill-principal tieghu, din tkun biss kwistjoni intera li tista' twassal li l-mandatarju jkun passibili ghad-danni. Jekk l-attur agixxiex jew le "*in accordance with instructions*" moghtija lilu, jara l-Bank mal-istess attur, pero', ghat-terz, il-presentazzjoni tal-prokura, ghandha tkun bizzejjed. Fil-konfront ta' terzi, kull agent li juri li ghandu awtorita' jagixxi f'isem il-mandant tieghu, ghandu jitqies li kellu l-awtorita' jaghmel dak l-att partikolari. Din, fuq kollox, hija regola biex tipprotegi l-istess terzi ghax kif jghid l-awtur Pennington, ("Company Law", 4th Edit. - 1979, Butterworths) "*The reason why the rule protects the outsider in these cases is that he has no mens of ensuring*

*that the conditions or the procedure prescribed by the Memorandum or articles have been adhered to*". Kif ukoll jghid il-Gower, (*Principles of Modern Company Law*", 4th Edit. – 1979, Sweet & Maxwell) "*since under the Deed, the Directors might have had authority, the third party was entitled to assume that in fact they had it*".

Din il-Qorti tara li l-attur inghata l-awtorita' jistitwixxi kawzi f'isem il-Bank HSBC, kif fil-fatt ghamel b'dawn il-proceduri, u dan hu bizzejjed, sakemm ma jigix muri mod iehor, biex jorbot lill-Bank b'dawn il-proceduri u jaghmel lill-istess Bank il-veru attur. Din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decisjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar, 1993, fil-kawza fl-ismijiet "Borg noe vs Accountant General et" fejn intqal li l-konvenut m'ghandu ebda dritt jikkontesta l-awtorita' tar-rappresentant ta' kumpanija, peress li din materja li tikkoncerna biss lill-kumpanija u l-azjonisti taghha. Dwar il-fatt li l-attur mhux persuna li, skond il-*Memorandum and Articles of Association*, jirraprezenta lis-socjeta' attrici f'kwistjonijiet legali, apparti l-fatt li dan ma giex pruvat, issir riferenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Portelli noe vs Vassallo Cesareo" deciza fis-26 ta' April, 1993, fejn intqal li, nonostante dak li jkun gie stipulat fl-att kostituttiv tas-socjeta', kull socjeta' tista' tahtar lill-minn jidrilha hi biex jirraprezentaha fi procedura legali (ara wkoll "Clauss noe vs Mamo noe" decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru, 1978).

Dik l-ewwel eccezzjoni qieghda tigi michuda minn din il-Qorti.

It-tieni eccezzjoni sollevata tirreferi ghall-fatt li l-ftehim milhuq huwa null ghax gew iffirmati minn zewg diretturi, mhux minn tlieta, u r-rizoluzzjoni li awtorizzat l-iffirmar tal-kuntratt kienet ukoll nulla ghax giet iffirmata minn tnejn u mhux mit-tlett diretturi.

Issa l-Istatut tal-kumpanija Nazzareno Fenech Limited, jiddisponi li t-tlett diretturi tal-kumpanija kienu Nazzareno Fenech, Michael A. Fenech u Alfred Fenech. L-artikolu 19 tal-*Articles*, imbaghad, jghid li "*deeds of whatsoever*

*nature engaging the company and all other documents purporting to bind the company, including Bank documents, cheques, promissary notes, drafts, bills of exchange and other negotiable instruments, shall be signed, drawn and accepted, endorsed or otherwise executed, as the case may be, by any two directors of the company or by any person or persons delegated by the Board of Directors.*" Din kienet il-posizzjoni, meta fil-1984, il-kumpanija iffirmat il-kuntratt tal-25 ta' Gunju, 1984, u l-fidejuzzjoni fil-11 ta' Dicembru, 1984, liema kuntratti gew iffirmati minn Michael A. Fenech u Alfred Fenech, li kienu diretturi tal-kumpanija u, kwindi, awtorizzati flimkien li jiffirmaw kuntratti "*of whatsoever nature*" ghan-nom tal-kumpanija.

Il-posizzjoni ta' Fenech Estates Limited fl-1984 kienet li d-Diretturi taghha kienu Michael Angelo Fenech u Alfred Fenech, fil-waqt li l-Artikolu 19 tal-kumpanija kien identiku bhal dik tal-kumpanija l-ohra, fis-sens li "*any two directors*" setghu jiffirmaw kuntratti li jorbtu l-kumpanija. Fost l-oggetti tal-kumpanija hemm, fil-paragrafu (k), tal-klawsola tlieta tal-Memorandum, "*to give guarantees as security for obligations of third parties*", liema poter huwa ezercitabbli mill-Bord tad-Diretturi jew id-delegat tieghu. F'dak iz-zmien tal-1984, kif inghad, id-diretturi tal-kumpanija kienu tnejn, u t-tnejn li huma dehru fuq il-kuntratti ta' *overdraft* u garanzija. Strettament, mela ma kienx hemm bzonn li jkun hemm rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi biex tinghata l-garanzija mill-Bank attur, ghax il-Bord tad-Diretturi kien kollu kemm hu presenti ghall-iffirmar tal-kuntratti.

Oltre dan, din ir-rizoluzzjoni inghatat mill-kumpanija Fenech Estates Limited u mhux is-socjeta' Nazzareno Fenech Limited, kif qed isostnu l-konvenuti fin-Nota tal-Osservazzjonijiet taghhom. Il-kumpanija Fenech Estates Limited kelha biss tnejn u mhux tlett diretturi, u kwindi ir-rizoluzzjoni li ittiehed mis-socjeta' Fenech Estates fil-15 ta' Gunju, 1984, setghet tittiehed, kif fil-fatt ittiehdet, mill-unici zewg diretturi taghha. Din il-Qorti, hawnhekk, ma tistax ma tikkumentax fuq in-nuqqas ta' professjonalita' tal-Avukat konsulent tal-konvenuti li jiehu linja ta' difisa u jiffirma Nota ta' l-Osservazzjonijiet a bazi ta' fatti li

jirrizultaw il-kuntrarju minn dokument ufficcjali u li zgur kienu fil-pussess tieghu waqt l-andament tal-kawza.

Mill-premess, kwindi, jidher car, li l-kuntratt ta’ *overdraft* u l-ftehim ta’ fidejuzzjoni gew iffirmati debitament minn persuni li kellhom s-setgha, dak iz-zmien, jorbtu lill-kumpanija.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Farrugia vs Carbone et noe” deciza fit-30 ta’ Mejju, 2001, li fiha, ghalkemm irrizulta li l-konvenut ma kellux l-awtorita’ jiffirma dak il-kuntratt partikolari, dik l-Onorabbli Qorti xorta wahda sabet lill-kumpanija obbligata u dana peress li, bhala fatt, il-flus hadithom il-kumpanija u wzat il-flus lilha mislufa fl-izvilupp li kellha (ara Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili). Dik il-Qorti osservat ukoll li, f’kull kaz, is-socjeta' konvenuta kienet il-beneficjarja tas-self u, ghalhekk, sar arrikkixximent fl-assi taghha. Dan it-taghlim jghodd zgur fir-rigward tas-socjeta’ debitrici Nazzareno Fenech Limited li hadet beneficcju mill-flus li l-Bank attur ghamel ghad-deposizzjoni taghha.

Il-kwistjonijiet interni li setghu kienu jezistu dak iz-zmien bejn l-ahwa Fenech huma wkoll irrilevanti ghas-soluzzjoni ta’ din il-materja, ghax kif osservat din il-Qorti, in sostenn ta’ principju legali Ingliz, fil-kawza “Borg vs Camilleri” deciza fis-7 ta’ April, 1997, “*If the outsider is dealing with the company in good faith, he will be able to enforce any contract made by an agent on the company’s behalf, if that agent was acting within his authority, irrespective of any internal or external irregularities in the company’s machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, implied or apparent authority*”.

Ghal dawn il-motivi kollha, it-tieni eccezzjoni indikata qed tigi ukoll michuda.

Fit-tieni lok, gie eccepit mis-socjeta’ Nazzareno Fenech Limited, li minn din il-kawza huma pendenti proceduri ta’ ritrattazzjoni. Fil-process ta’ din il-kawza, ma jirrizultax li ttiehdet xi decizjoni li minnha sar appell. Jidher, pero’, li

wara li din il-Qorti ordnat li jsiru xi korrezzjonijiet, u dana fis-seduta tat-30 ta' April, 1993, kein sar appell minn dak id-digriet, liema appell gie determinat fid-9 ta' Mejju, 1994. Fis-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet cahdet l-appell tal-konvenuti li ddikjaratu bhala wiehed frivolu u vessatorju, u kkundannat lis-socjeta' appellanti ghall-hlas tal-ispejjez doppji. Kien probabbli, minn din is-sentenza li s-socjeta' konvenuta allegat li kienet saret ritrattazzjoni. Kif jirrizulta minn certifikat mahrug mir-Registratur tal-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1995, (fol. 108), fil-fatt, pero' ma giex presentat libell ta' ritrattazzjoni min dik is-sentenza f'din il-kawza. Dan hu ezempju iehor ta' nuqqas da parti tal-konsulent tal-konvenut meta ressaq eccezzjoni a bazi ta' fatt li hu kien jaf jew messu kien jaf li ma kienetx minnha.

Din l-eccezzjoni qieghda ghalhekk tigi wkoll michuda.

Ir-raba' eccezzjoni indikata tolqot ukoll il-procedura f'din il-kawza, ghax dik tikkoncerna n-nuqqas tal-Bank attur li jaghmel talba bil-miktub ghal hlas qabel ma ipproceda. Din il-Qorti tinnota li, fil-waqt li , bhala fatt, giet stabbilita dik il-procedura preliminari, u, fil-waqt li ma jirrizultax li saret tali talba bil-miktub (peress li l-ittra ufficjali esebita tal-4 ta' Frar, 1992, ma tidhirx li giet notifikata kif trid il-ligi), dik l-eccezzjoni, li hi wahda ta intempestivita', kellha tigi sollevata in *limine litis* peress li hi wahda dillatorja. Ghalhekk, proprjament, din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha.

F'kull kaz, pero' kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Mamo noe vs Axisa et noe" deciza fil-5 ta' Ottubru, 1994, "in-*notice* lill-garanti li titlob il-ligi (u, f'dan il-kaz, mitlub ukoll fil-kuntratt ta' *overdraft* iffirmat mill-partijiet) inghata bic-citazzjoni, u l-konvenuti kien ikollhom ragun jissolevaw l-eccezzjoni ta' intempestivita', u b'hekk jiffrankaw l-ispejjez, kieku hallsu wara li rcevew l-att tac-citazzjoni"; haga li l-anqas il-konvenuti f'din il-kawza ma ghamlu jew, f'xi stadju, offrew li jaghmlu.

Kwindi, ghar-ragunijiet indikati, din l-eccezzjoni sejra wkoll tigi michuda.

Il-hames eccezzjoni ssostni li fl-ammont mitlub hemm element ta' "*Compound interest*" li mhux permess bil-ligi. Il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li l-artikolu li jipprojbixxi l-kalkoli ta' l-imghaxijiet komposti huwa l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili, li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" (Art. 1139 tal-Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu, allura, fuq obbligazzjoni ta' mutwu, mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' *overdraft.* Kuntratt ta' *overdraft* ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Worrington noe vs Sciberres", deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita' lill-klijent, mhux titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikanonizza l-kreditu qabel ma l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhal kuntratt ta' *overdraft*, johrog ukoll mill-awturi aktar kwotati, bhal Messineo, Vidari, u Torrente. Dan ta' l-ahhar, fil-fatt, jghid li "*l-apertura di credito non deve confondersi con il mutuo (promessa di mutuo)*". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li "*il mutuo é un contratto reale che si perfeziona, dunque, con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono, invece, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra é concessa puo' disporre della somma, pagando, per ezempio, i fornitori o i proprii debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratta definitivo di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattase*" (Manuale di Diritto Privato; 9° Ediz; pag. 572). Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza "Scicluna vs Zinelli" riportata fil-Vol XXX.1.739, u l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "Piovano vs Fenech" riportata fil-Vol XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta' ta'

*overdraft*, li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.

Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (*overdrafts*), izzid l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qrati taghna bhala valida u legali f'diversi sentenza, fosthom, "Scicluna vs Tufigno noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' April, 1940, "Busuttil vs Spiteri Debarro", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, "Mercieca noe vs Borg", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru, 1994, u "Bank of Valletta Ltd vs Dalli", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 1999.

Mill-premess, jsegwi ghalhekk, li l-Bank attur ma jidhirx li mexa kontra l-ligi meta, fuq kuntratt ta' *overdraft*, hadem bl-imghaxijiet komposti. Inoltre, il-Bank wera li, jekk il-kont jinhadem bl-imghaxijiet semplici, s-somma talvolta dovuta tkun akbar. Kif spjega l-attur, dan jigri peress, illi meta jigi kkalkolat l-imghax semplici, kull pagament gewwa l-kont jigi l-ewwel kreditat kontra l-imghax akkumulat sa dakinhar tal-pagament (kif *del resto*, titlob il-ligi) u jekk ikun hemm bilanc, dan imbaghad imur kontra l-kapital. Minn naha l-ohra, meta l-imghax jkun kapitallizat skond il-prattika tal-Banek, id-depozitu li jsir imur kollu kemm hu kontra l-kapital. Dan il-fenomenu matematiku, kompla spjega l-attur, javvera ruhhu specjalment meta jkun hemm kont attiv hafna, bhal f'dan il-kaz, ghaliex il-pagamenti jkunu spissi hafna meta l-kont kien qed jopera kif suppost.

Minn ezami tal-kontijiet esebiti mill-Bank attur, ma hemm xejn li din il-Qorti tista' ticcensura. Il-konvenut kellu l-okkazjoni jezamina l-istess kontijiet u, ghalkemm innota xi diskrepanzi zghar, anke meta l-Bank attur rega' hadem il-kont, b'imghax semplici, u mehud in konsiderazzjoni d-diskrepanza indikati, s-somma finali xorta wahda giet akbar minn dik mitluba. Il-konvenut talab il-hatra ta' perit komputista, pero', ma indikax fejn ma jaqbilx mal-*workings* tal-Bank attur. Meta kreditur jipprezenta, kif ghamel f'dan il-kaz, rendikont dettaljat tas-somma minnu pretiza, il-konvenut ma jistax jghid li ma jaqbilx mar-rizultat u jitlob il-

hatra ta’ espert komputista, jekk, qabel xejn, ma jurix fejn u kif ma jaqbilx mal-istatement tal-kreditur. L-istatement tal-Bank kreditur, mahdum anke fl-interessi komposti, jidher in regola u gie konfermat bil-gurament; sakemm il-konvenut ma jindikax zbalji jew difetti fil-metodu tal-komputazzjoni, din il-Qorti m’ghandhiex ghax ma taccettax dak l-istatement tal-Bank kreditur. Perit komputista jinhatar meta l-Qorti ghandha dubji ragjonevoli dwar il-korrettezza tal-istatement, jew meta jigi indikat lilha nuqqasijiet u difetti fl-istess; altrimenti, meta l-kontijiet jidhru gustifikabbli u l-metodu tal-operat ikun wiehed approvat, dak il-kont ghandu jkun accettat bhala prova adegwata tas-somma mitluba.

Ghalhekk, din il-Qorti, mhux qieghda biss tichad it-talba ghal hatra ta’ perit komputista, izda qieghda wkoll tichad l-eccezzjoni relattiva ghall-mod ta’ kif gie kapitallizat l-imghax, u tikkonferma s-somma dovuta kif mitluba.

Is-sitt u l-ahhar eccezzjoni solevata tolqot in-notifika tas-socjeta Fenech Estates Limited. Din hi materja li hadet hafna hin tal-Qorti u hadet spazji kbar minn Nota tal-Osservazzjonijiet imressqa minn din is-socjeta’. Bir-rispett, din il-Qorti, ma tarax ir-rilevanza ta’ din l-eccezzjoni, mehud konsiderazzjoni tal-fatt li s-socjeta’ accettat in-notifika tant li, fit-18 ta’ Jannar, 1993, giet imressqa Nota tal-Eccezzjonijiet “tal-konvenuti”, u saret kontestazzjoni fil-meritu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha f’din il-kawza tad-9 ta’ Mejju, 1994, tali eccezzjoni kellha tigi avvanzata fil-bidu tad-difiza, u dik kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex dik l-Onorabbli Qorti ma rrevokatx il-korrezzjonijiet mitluba u awtorizzati.

Jirrizulta, inoltre, li fid-data li giet ippresentata din il-kawza, id-diretturi tas-socjeta’ Fenech Estates Limited kienu Alfred Fenech u Michael A. Fenech. Fil-fatt, dan ta’ l-ahhar kien irrizenja fis-16 ta’ Dicembru, 1986 (u minfloku kien gie mahtur Dr Anthony Rutter Giappone), izda fil-15 ta’ April, 1991, Michael A. Fenech rega’ sar direttur flok Dr Rutter Giappone, u din il-kawza, wara d-debita korrezzjoni, giet fil-fatt istitwita kontra Alfred Fenech u

Michael Angelo Fenech bhala diretturi ghan-nom tas-socjeta’ Fenech Estates Company Limited.

Il-konvenut Michael A. Fenech jirrileva illi huwa kien irrezenja minn direttur f’Ottubru tal-1992, pero’, kif jammetti hu stess, din ir-rizenja tieghu ma gietx registrata mir-Registratur tal-Kumpaniji. Intqal hafna fuq dan in-nuqqas o meno tar-Registratur li jirregistra din ir-rizenja, pero, il-fatt jibqa’ li din ir-rizenja ma gietx registrata, u t-terz, li jrid jidderigi ruhu minn dak biss li jirrizulta mill-*Memorandum and Articles of* Association kif jinsabu fir-Registru tal-Kumpaniji ma kienx avzat b’dik ir-rizenja, u, kwindi, seta’ legalment ikompli jharrek lil Alfred Fenech u lil Michael A. Fenech li baqghu jidhru bhala r-rappresentanti legali tal-kumpanija Fenech Estates Limited.

Jekk ir-Registratur tal-Kumpaniji agixxiex sew meta ma irregistrax ir-rizenja ta’ Michael A. Fenech, mhux rilevanti ghal din il-kawza, ghax li hu importanti ghal din il-kawza, li hi azzjoni minn terz kontra s-socjeta’ Fenech Estates Limited, hu li terz harrek debitament lil min, skond l-atti tal-kumpanija, kien jidher bhala r-rappresentant taghha. Hu risaput li, vis-à-vis it-terz, ir-rappresentanza ta’ kumpanija hija vestita f’dawk il-persuni imsemmija fil-*Memorandum of Articles* tal-kumpanija (“Cassar Pullicino noe vs Zahra noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru, 1996). Il-kwistjoni tar-rizenja ta’ Michael A. Fenech li ma gietx registrata, irid jaraha hu mar-Registratur, pero’, din il-kawza imxiet tajjeb kontra z-zewg diretturi kif kienu jidhru fl-atti registrati tas-socjeta’. Din il-Qorti mhux mitluba tisindika l-operat tar-Registratur, u lanqas ma tista’ taghmel dan f’kawza li fiha hu mhux parti u, f’kull kaz, ma tikkoncernax lilu.

L-istess jista’ jinghad dwar il-kumpanija Nazzareno Fenech Limited, li skond l-atti tal-kumpanija, kienet rappresentata mid-diretturi taghha Alfred Fenech u Kevin James Fenech, kif, fil-fatt, dik il-kumpanija giet imharka.

Ghar-rigward ta’ l-eccezzjonijiet imressqa minn Alfred Fenech wahdu ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti li

taghhom il-konvenut Michael A. Fenech qed jitlob l-isfilz, anke hawn jirrizulta li mill-*Memorandum and Articles of Association* taz-zewg kumpaniji (Artikolu 17), kull direttur jista’ jirrapresenta lill-kumpanija. Jekk bdil f’dan l-Artikoli ma giex registrat fl-atti tas-socjetajiet, din kwistjoni li mhux materja ta’ din il-kawza. Ovvjament, din il-Qorti mhux qed tiggustifika l-agir ta’ Alfred Fenech jekk jirrizulta li dan kien jaf li ma kellux r-rappresentanza tal-kumpaniji u, allura, agixxa in *male fede*; din, pero’, hi kwistjoni li mhux quddiem din il-Qorti u, se mai, trid tigi mistharga in relazzjoni ghal xi azzjoni li s-socjetajiet u/jew l-azzjonisti l-ohra jistghu jiehdu fil-konfront tieghu.

Fuq kollox, Alfred Fenech, meta ressaq in-Noti tal-Eccezzjonijiet tieghu, huwa kkontesta t-talbiet attrici u mhux aderixxa ghall-istess u kwindi, bl-ebda mod, ma jista’ jinghad illi hu ppregudika l-posizzjoni tas-socjetajiet konvenuiti. It-talba ghall-isfilz mhix, ghalhekk se tigi accettata.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, din il-kwistjoni sollevata dwar in-notifika qieghda tigi wkoll michuda.

Wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti din il-Qorti kkunsidrat it-talbiet tal-attur nomine, u wara li ezaminat id-dokumenti minnu esebiti, issib li t-talbiet tieghu jimmeritaw li jkunu akkolti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq indikati, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna liz-zewg socjetajiet konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lid-ditta attrici s-somma ta’ LM86,890.17,5 (sitta u tmenin elf , tmien mija u disghin lira Maltin, sbatax-il centezmu u hames millezmi), bl-imghax legali ta’ 8% mit-23 ta’ Settembru, 1991, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha ta’ din il-kawza, hlief dawk gia’ decizi, jithallsu mis-socjetajiet konvenuti *in solidum* bejniethom.

IMHALLEF

D/REG